MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 599/2003

**Doris Buttigieg**

**vs**

**Mariolina Fenech**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attrici fl-4 ta’ Dicembru, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex tizgombra mill-fond numru 26, fi Sqaq il-Baggi, Zejtun lilha mikri mill-attrici ghall-perijodu ta’ sena u nofs li skada fit-2 ta’ Dicembru, 2003, stante li t-terminu tal-kirja ghalaq u llum qed tokkupa l-fond minghajr titolu skond il-ligi, waqt li qed tirrfjuta li tohrog u tikkonsenja lill-attrici c-cwievet tal-fond imsemmi, minkejja li kienet hekk interpellata li taghmel permezz ta’ l-ittra ufficjai tat-18 ta’ Novembru, 2003.

Ghal fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-kera hija ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160) fix-xahar.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-5 ta' Novembru, 2003, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

Illi, t-talbiet attrici huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan peress li ghandha titolu validu fil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li l-attrici hija proprjetarja tal-fond numru 26, Sqaq Baggi, Zejtun u bi ftehim datat 2 ta' Gunju, 2002 (fol. 27) l-attrici kkoncediet lill-konvenuta b'titolu ta' kera l-fond fuq imsemmi b'rata ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar. Il-kirja skadiet, u peress illi l-partijiet ma lehqux ftehim fuq kirja gdida, permezz ta' ittra tal-5 ta' Novembru, 2003 u ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru, 2003, l-attrici talbet il-hrug mill-fond tal-konvenuta.

Minn naha l-ohra, l-konvenuta filwaqt li tammetti illi hadet il-fond b'titolu ta' kera fid-data fuq imsemmija, qalet illi fir-realta l-kera ma kinitx ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar, izda ta' sebghin lira Maltin (Lm70) fix-xahar u pprezentat kopja tad-dikjarazzjoni maghmula fl-14 ta' Jannar, 2003. Skond il-konvenuta l-kera kienet ta' sebghin lira Maltin (Lm70), pero' l-attrici kienet taghmilha rcevuta biss ta' ghaxar liri Maltin (Lm10).

L-attrici tichad din l-allegazzjoni u tghid illi d-dikjarazzjoni saret fuq talba ta' l-istess konvenuta biex hija turi lir-ragel taghha kemm qed thallas kera biex b'hekk izidilha l-manteniment. L-attrici nsistiet li l-kera mhallsa kienet dejjem ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fix-xahar.

Wara li l-Qorti qabblet id-dikjarazzjoni ta’ l-14 ta’ Jannar, 2003, mall-kumplament ta’ l-ircevuti, ssib illi din id-dikjarazzjoni hija verament nebuluza u ma tirrflettix ircevuta ta’ kera, izda biss dikjarazzjoni illi l-attrici qed tircievi sebghin lira Maltin (Lm70) minghand il-konvenuta. Dan jghamel l-ispjegazzjoni moghti mill-attrici aktar veritjier.

Fi kwalunkwe kaz, l-ammont ta’ kera mhallsa mill-konvenuta huwa mmaterjali f’din il-kawza. Huwa mportanti biss il-fatt li l-kera bdiet fit-2 ta’ Gunju, 2002, fejn allura ma tgawdix il-protezzjoni tal-ligi la saret wara l-1995. Hu pacifiku bejn il-partijiet illi l-kera kien ghal tmintax-il (18) xahar u llum dawn skadew.

Kien ghalhekk, illi permezz ta’ l-ittra tal-5 ta’ Novembru, 2003 u l-ittra ufficjali tat-18 Novembru, 2003 l-attrici talbet ‘il hrug tal-konvenuta mill-fond imsemmi. Dawn l-ahhar zewg dokumenti jservu ta’ congedo illi trid il-ligi fejn allura issa l-konvenuta m’ghandhiex triq ohra hlief li toqghod ghar-rieda ta’ l-attrici u tivvaga l-fond.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici u tipprefiggi terminu ta’ tliet (3) xhur sabiex il-konvenuta tizgombra mill-fond numru 26, fi Sqaq il-Baggi, Zejtun mikri liha ghall-perijodu ta’ sena u nofs li skada fit-2 ta’ Dicembru, 2003, stante li t-terminu tal-kirja ghalaq u llum il-konvenuta qeda tokkupa l-fond minghajr titolu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------